MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 65/2007

**Polidano Jerry**

**vs**

**Susan Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat il-5 ta' Marzu, 2007, li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lill-intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas is-somma ta' tlett elef mija u sbatax –il Lira Maltin u tletin centezmu, (LM3,117.30), kwantu ghal tlett elef Lira Maltija, (LM3,000.00), rapprezentanti l-valur ta' tlett igriewi tar-razza "British Bulldog", imwieghda lilu bi ftehim, u kwantu ghal mija u sbatax –il Lira Maltin u tletin

centezmu, (LM117.30), rapprezentanti spejjez inkorsi versu l-kelba materna u l-istess griewi, u dan kif jigi ppruvat f'aktar dettal waqt is-smiegh tal-kawza;

2. Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimata datata l-10 t'April, 2007, li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan, ghaliex fl-ewwel lok, ma huwiex minnu li l-eccipjenti wieghdet lill-attur tlett igriewi tar-razza "British Bulldog", u ma jezisti l-ebda ftehim f'dan is-sens bejn il-partijiet;

2. Illi fit-tieni lok, l-eccipjenti hija proprjetarja ta' kelb tar-razza "British Bulldog" izda s-sid precedenti tal-kelb hija certu Sera Flattley, u in oltre l-kelb gie mghoddi lill-eccipjenti fuq kundizzjonijiet differenti minn dawk elenkati mir-rikorrenti, u dan kif jista' jigi ppruvat waqt il-prosegwiment tal-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jinghataw waqt il-prosegwiment tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet taghha datat id-9 ta' Dicembru, 2008, li permezz tieghu hatret lit-tabib veterinarju Dr. Paul Portelli bhala espert biex jirrelata dwar il-prassi wzata fit-tghamir ta' griewi tar-razza "British Bulldog";

Ezaminat ir-relazzjoni tal-imsemmi tabib veterinarju;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrenti jsostni li l-kelba in dizamina kien offrihielu certu Richard Flattely;

2. Illi r-rikorrenti jsostni wkoll li hu ftiehem mal-imsemmi Flattely li jekk ibieghha, kien jaghti lil dan Flattely tlett mitt Lira Maltin, (LM300.00), u jekk jghammarha, jaghtih ferh milli jkollha;

3. Illi skont l-istess rikorrenti isostni li lahaq ftehim mal-intimata fejn:

i. qablu li jtiha lill-imsemmija kelba;

ii. li jaghti ferh milli kien ser ikollha wara li jghammarha – bil-kumplament tal-frieh ikunu proprjeta' tar-rikorrent;

iii. li r-rikorrent ihallas nofs l-ispejjez tal-ikel u spejjez ohra nvoluti;

4. Illi sussegwentement intlahaq ftehim bejn il-kontendenti biex jghammru lil din il-kelba;

5. Illi effettivament l-istess kelba giet mghammra permezz ta' inseminazzjoni artificjali;

6. Illi wara li l-istess kelba sarilha intervent kirurgiku u kellha sitt ifrieh li wiehed minnhom kien tas-sess maskil u l-hamsa l-ohra kienu ta' sess femminil;

7. Illi immedjatament wara dan it-twelid, ir-rikorrenti hallas l-ammont ta' hames mitt Lira Maltin, (LM500.00), lil sid id-donatur kif mieghu kien ftiehem;

8. Illi r-rikorrent isostni wkoll li l-partijiet kienu lahqu ftehim fis-sens li:

i. tlett igriewi kellhom ikunu tar-rikorrenti;

ii. L-intimata kellha taghzel geru minnhom – anke jekk trid, dak li hi tara li jkun l-isbah;

iii. Illi sid il-kelb donatur seta' jekk irid jaghzel geru minflok ma jiehu l-hames mitt Lira Maltin, (LM500.00);

iv. Illi geru iehor kellu jinghata lil Richard Flattely bhala sid il-kelba li kienet giet mghammra;

9. Illi nonostante s-suespost inqala' dizgwid serju bejn il-partijiet u kull ftehim precedenti sfaxxa biex il-partijiet spiccaw jillitigaw;

Ikkunsidrat:

Illi l-verzjoni skont l-intimata tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi l-intimata ssostni li kien ir-rikorrent li offrielha l-kelba in dizamina;

2. Illi l-intimata ssostni wkoll li r-rikorrent kien infurmaha li kemm –il darba din il-kelba kien ser ikollha l-griewi, wiehed minnhom kellu jinghata lis-sid originali taghha;

3. Illi jirrizulta li wara perjodu ta' zmien fejn issa l-kelba in dizamina kienet fil-pussess tal-intimata, intlahaq ftehim bejn l-istess intimata u proprjetarju ta' kelb maskil tal-istess razza, biex dawn jitghammru;

4. Illi l-korrispattiv ghal dan favur is-sid kellu jkun ta'  hames mitt Lira Maltin, (LM500.00);

5. Illi jidher li l-partijiet anke qabblu li l-gravidanza tal-kelba de quo kellha ssir permezz ta' inseminazzjoni artificjali;

6. Illi pero' jirrizulta li fil-frattemp il-partijiet kollha involuti bdew jittitubaw u jbiddlu l-kundizzjonijiet gia' pattwiti ghat-tghammir anke billi inkitbu diversi skritturi privati;

7. Illi eventwalment il-kelba protagonista tal-vicenda odjerna xtrat sitt igriewi, li wiehed minnhom kien ferh maskil  u ovvjament l-ohrajn kienu frieh femminili;

8. Illi xi zmien wara irceviet telefonata minn terza persuna li identifikat ruhha bhala sid il-kelba protagonista tal-kawza odjerna;

9. Illi meta eventwalment dawn iltaqghu wicc imb'wicc jirrizulta li l-kelba de quo kienet gidmet lil membru tal-familja u per konsegwenza tpoggiet ghand ir-rikorrenti biex eventwalment titraqqad, (ara fol 64);

10. Illi ghalhekk l-istorja kif kien pingiha r-rikorrenti ma kinitx riflessjoni tal-verita';

11. Illi ghalhekk l-intimata qed tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi in vista ta' l-analizi tal-vertenza kif fuq sintetikament esposta, jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-allegazzjoni tal-proprjeta' tal-kelba kif sostenuta mir-rikorrenti ma tissodisfax il-precett

legali li ghandha tissodisfa lill-qorti ghall-inqas sal-grad tar-ragonevolezza;

2. Illi l-fatti kif esposti mill-intimata jikkonfutaw l-allegazzjoni tar-rikorrenti u konsegwentement jixhtu dubju ragjonevoli li hu l-proprjetarju tal-kelba protagonista ta' din il-vertenza;

3. Illi ghaldaqstant, il-bazi li fuqha r-rikorrent qed jibbaza t-talbiet tieghu fl-azzjoni odjerna jikkrollaw stante li ma jirrizultax li effettivament hu s-sid tal-kelba de quo;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti, filwaqt li takkolji r-risposta tal-intimata, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti Polidano, bl-ispejjez.

Marisa Borg
Dep./Reg

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------